# RAPPORT AMMINISTRATTIV 1972 1973

**Laqgħa Ġenerali — 24 ta' Frar, 1974.**

META ippreżentajt l-ewwel rapport amministrattiv tiegħi, f'isem l-Akkademja tal-Malti, tliet snin ilu, kont għidt li n-nota karatteristika, minn vers għall-ieħor, kellha tkun waħda ottimista. Dan l-iżjed, mhux għax fi ħdan l-Akkademja kienu twieldu ġrajjiet li għamlulna ġieh iżda għaliex l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti setgħet tara li dak li nżera' ħamsin sena llum rabba għeruq qawwija.

L-ortografija *ta' l-Għaqda* u Lsienna mhux biss daħlu fil-qalb u r-ruħ tas-Soċjeta' Maltija iżda l-istess kittieb Malti beda jsib ukoll in-niċċa tiegħu fost il-poplu, u ma jingħaddux il-kittieba ġodda li harġu jwarrdu fi ġnien artna b'xogħlijiet li qatt daqs dan l-aħħar ma raw il-bibljoteki tagħna.

Iż-żmien ikreh kien għadda u t-taqtiegħa biex il-Malti jitgħammed bħala Isien uffiċjali u magħruf mill-Awtoritajiet issa kienet intemmet. Dan għaliex il-poplu li wirtu riedu.

B'riżq ħażin iżda, il-folja tidher li nqalbet: dan l-aħħar intbaħna (forsi ftit tard) li ħtija l-injuranza u n-nuqqas ta' tagħlim, l-egħdewwa ewlenin tagħna issa saru l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jilħqu l-poplu b'teoriji oħra. Għax għalkemm il-Malti daħal kullimkien, l-ortografija li rebħet l-għarfien tal-kbar qed tistaħba fid-dell tal-progress u l-idjoma Maltija hi mkaxkra bil-qari ta' ġenerazzjoni ġdida li għallmuha taqra u taħseb b'ilsien barrani.

Dawn il-problemi ħassbu bis-sħiħ 'il-Kunsill il-ġdid li daħal biex ikompli l-ħidma ta' l-ewwel mexxejja ta' l-Akkademja fosthom il-mibki Ninu Cremona u waħda mill-ħidmiet kien is-Seminar għall-Ġurnalisti dwar "Il-Malti" fil-Ġurnaliżmu" li fih ġiet imfissra l-qagħda tal-Malti llum fil-ġurnaliżmu u x-xandir u kif dawn jistgħu jgħinu biex l-Ilsien Malti jasal iżjed Malti għand il-Maltin.

Dan is-seminar kellu jkun l-ewwel minn sensiela ta' laqgħat biex tarġa wara tarġa nerġgħu nerfgħu Ilsienna fuq il-pedestall li jixraqlu.

Ta' min isemmi, hawnhekk, li l-aħħar ħidma ta' dan il-Kunsill kienet it-tħejjija għal-laqgħa oħra li torbot ma' ta' qabilha. Sadanittant, il-membri akkademiċi kellhom l-okkażjoni jiltaqgħu flimkien, f'laqgħa ġenerali li saret iżjed kmieni dan ix-xahar biex jaraw iżjed mill-qrib il-problemi dwar il-kitba tal-Malti illum, b'riferenza speċjali għall-ortografija u l-vokabularju.

Kollox ma' kollox ma nistgħux ngħidu li kemm l-ewwel seminar kif ukoll il-ħidmiet l-oħra li l-Akkademja fasslet u xerrdet f'dawn l-aħħar sentejn ta' dan il-Kunsill ma wrewx imqar merżuq ġdid ta' tama għal ġejjieni isbaħ. Forsi wieħed jithenna ikun jaf għalkemm għall-oħrajn dan mhux sigriet, li uffiċjali tal-Kunsill u membri oħra ta' l-Akkademja qegħdin jaħdmu minn wara l-kwinti biex isewwu dawn l-għeltijiet fl-oqsma kollha u nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li din il-ħidma qiegħda tagħti frott.

Uffiċjalment, imbagħad, l-Akkademja tgawdi l-fiduċja ta' l-Awtoritajiet Ċivili li jqisuha kif jixraq, il-korp akkademiku li għandu f'idejh il-ħarsien ta' wieħed mill-ilsna ta' l-Istat kif tgħid l-istess Kostituzzjoni.

Dan l-għarfien ġie msaħħaħ bil-pubblikazzjoni ta' dan il-Kunslil fil-Gazzetta tal-Gvern u b'rappreżentanza mill-Akkademja f'Kumitati u Bordijiet Governattivi, fosthom dak għall-għoti ta' premijiet għall-aħjar kotba bil-Malti tas-sena. Ta' min iżid ukoll li l-Akkademja qed tieħu sehem ukoll fil-Kunsill tas-Soċjetà "Din l-Art Ħelwa" biex tħares l-interessi ta' Lsienna.

Fuq l-isfond ta' għarfien uffiċjali, nieħdu pjaċir inniżżlu fid-djarju ta' dawn l-aħħar sentejn l-ewwel riċeviment mogħti mill-E.T. il-Gvernatur Ġenerali u Lady Mamo, għall-kittieba Maltin. L-E.T. kien f'kuntatt u f'konsultazzjoni mal-President u s-Segretarju ta' l-Akkademja dwar l-istedina lill-kittieba tal-Malti u għal tagħrif dwar il-ħidmiet tagħhom.

L-Akkademja ġiet mistiedna wkoll mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex tara l-manuskritti bi tħejjija għall-kotba tal-Malti fl-Edizzjoni ġdida li ħierġa għall-istudenti tal-iskejjel tal-Gvern. Is-Sur F.X. Mangion f'isem l-Akkademja ressaq rapport dwar is-siwi letterarju tal-kitbiet li ser jidhru. Sehem ieħor siewi kellha l-Akkademja fit-twaqqif tal-Kunsill Ċentrali tal-Malti u fuq xewqa ta' l-istess Għaqdiet, il-President tagħha għandu r-riedni f'idejh.

Meta niġu għall-ħidmiet li saru f'dawn it-22 xahar li fihom il-Kunsill iltaqa' 26 darba, wieħed iqiegħed mal-bqija ġa msemmija: il-Konkors Nazzjonali tad-Drama li tnieda bil-għajnuna finanzjarja tad-Ditta Rothmans ta' Pall Mall u li nistgħu ngħidu kixef orizzonti ġodda fil-qasam tad-dramm Malti u għen biex il-kittieb tagħna jitla' tabilħaqq

fuq il-palk Malti; il-Laqgħat ta' Qari minn membri akkademiċi li saru fit-Teatru Manoel; u fl-istess Teatru wkoll sehem l-Akkademja fil-Programm li fakkar għeluq il-50 sena mill-kitba ta' l-Innu Nazzjonali.

L-organu ta' l-Akkademja "Il-Malti" ra wkoll titjib għall-aħjar u b'ħidma wtieqa irnexxielna nibdew ngħadduh lill-qarrejja iżjed qrib iż-żmien ta' kull ħarġ minn dari.

B'danakollu, fil-mixja li terraqna f'dawn ix-xhur ma rridux ngħidu li ltqajna biss ma' oqsma jfewħu bil-ward. Ix-xewk u l-għollieq nibtu wkoll. Il-qagħda finanzjarja, biex insemmu wħud, għalkemm tjiebet bil-ħidma tal-Kunsill u bl-għajnuna siewja tat-Teżorier, kif wieħed jista' jara mir-rapport tiegħu, l-Akkademja għadha ma rċevitx is-sussidju ta' £M30 li kien jagħtiha l-Gvern fl-imgħoddi, u li dwaru għadna fi trattattivi mal-Ministru; u bl-stess problema u n-nuqqas ta' fondi f'moħħna, inżidu li l-Kunsill kellu iżjed minn darba jfakkar fid-dmir tal-membri dwar il-ħlas tas-sħubija.

Dieqa oħra li ġarrabna kienet it-telfa ta xi membri akkademiċi, għaliex għalkemm ingħaqdu magħna wħud mill-aħjar kittieba magħrufa għall-pinna tagħhom u sehemhom fis-soċjetà fosthom l-Onor. Ministru Pawlu Xuereb, il-mewt ħasdet minn fostna tnejn minn sħabna; is-Sur Emanuel Anthony Scalpello Borg, kittieb anzjan u s-sur Pawlu Cachia li b'ħeġġa kbira għadni niftakru jieħu l-kariga ta' Segretarju Propaganda f'dan l-istess Kunsill.

Qegħdin ngħixu f'dinja ta' kuntrasti u għalhekk it-tiżwiq ta' dellijiet u dija f'dan il-kwadru ta' ħidma kulturali issa jeħduna lejn ilwien isbaħ. Hassejna d-dmir li nressqu għall-għotja tal-midalja tal-mertu mogħtija mill-Konfederazzjoni tal-Kumitati Ċiviċi, lill-President li għal dawn l-aħħar 32 sena kien fir-ras ta' l-Għaqda. Il-ġieħ li ngħata lil Prof. Ġuze' Galea kien ċertifikat sabiħ għall-Akkademja tal-Malti li tatu l-okkażjoni jaħdem fil-mergħat wiesgħa ta' jedd il-Malti. F'egħluq dan ir-rapport ma nistax ukoll ma nroddx ħajr lilu għat-tmexxija għaqlija ta' l-Għaqda; lill-Kunsill li tani l-għajnuna kull meta kont neħtieġha u l-iżjed lill-Assistenta Segretarja, is-Sinjorina Mary Rose Gatt, li meta dmirijiet oħra begħduni għal xi żmien mill-kariga tiegħi daħlet fil-post tiegħi b'ħila kbira.

Dan ir-rapport huwa mera ta' dak li ġara f'dawn l-aħħar sentejn. Meta wieħed iħares lejh jista' jilmaħ xbihetu — bis-sabiħ u l-ikrah li għandna. Hemm iżda tama qawwija li l-ġejjieni għad juri xbihat isbaħ li għandhom ikomplu huma x-xogħol fejjiedi li nbeda mill-ftit 50 xitwa ilu.

**CHARLES COLEIRO**
**Segretarju Onor.**